MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Frankie Sammut)**

**vs**

**Anthony Grima**

**Kumpilazzjoni Nru: 551/2012**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Anthony Grima, ta' 55 sena, bin Anthony u Rosina nee' Grima, imwieled Pieta' fis-16 ta' Frar, 1957 u residenti l-Qasam Bini tal-Gvern (Rinella), Blk B Kalkara u detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 192857(M).

Akkuzat talli:

Fil-Kalkara, nhar it-22 ta' Marzu 2012, ghall-habta tas-2:00 ta' filghodu, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe', li minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' martu Anna Grima mill-Kalkara f'periklu car, ikkaguna offiza ta' natura gravi u permanenti fuq il-persuna ta' l-imsemmija Anna Grima mill-Kalkara, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu.

Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' martu Anna Grima mill-Kalkara skond ma ccertifika t-Tabib tal-Poliklinika ta' Rahal Gdid, Dr. Malcolm Paul Galea MD.

Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin cioe, pajp tal-hadid, jew waddabhom, jew qabad armi ohra kontra l-persuna ta' martu Anna Grima mill-Kalkara.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hedded bil-mewt lil martu Anna Grima mill-Kalkara.

U aktar talli, f'xi jum matul il-perjodu ta' bejn it-22 ta' Marzu 2012 u s-snin ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-

hajja ta’ martu Anna Grima mill-Kalkara f’periklu car ikkaguna sfregju ta’ natura gravi u permanenti fuq il-persuna taghha.

Kif ukoll talli, f’xi jum matul il-perjodu ta’ bejn it-22 ta’ Marzu 2012 u s-snin ta’ qabel din id-data, f’dawn il-Gzejjer bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe’ li minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ martu Anna Grima u ibnu Amadeo Grima, it-tnejn mill-Kalkara f’periklu car, jikkagunalhom offiza ta’ natura gravi u permanenti fuq il-persuna taghhom permezz ta’ strument li jaqta’ jew li jnigges, wera dan il-hsieb f’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delittt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu.

Kif ukoll talli f’xi jum matul il-perjodu ta’ bejn it-22 ta’ Marzu 2012 u s-snin ta’ qabel din id-data, f’dawn il-Gzejjer kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta’ u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Kif ukoll talli nhar it-22 ta’ Marzu, 2012 u matul is-snin ta’ qabel din id-data, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula f’rizoluzzjoni wahda, bl-imgieba tieghu kkaguna lil martu Anna Grima, kif ukoll lil uliedu biza li ser tintuza vjolenza kontrihom, meta hu kien jaf jew messu kien jaf li dik l-imgieba tieghu se tikkagunalhom biza;

U finalment qieghed akkuzat talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, irrenda ruhu recediv ai termini ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li gie misjub hati b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba li sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuni offizi jew individwi ohra jew ghaz-zamma ta’ l-ordni pubblika, jew ghal skop ta’

protezzjoni tal-persuni lezi jew ta’ individwi ohra minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza’ ta’ vjolenza, tohrog ordni ta’ protezzjoni kontra l-akkuzat u dan a terminu tal-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Rat in-nota ta’l-Avukat Generali permezz ta’ liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif mahsub f’l-artikoli:

- 41(1)(a), 214 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 214, 221 u 222 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 339(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 214 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 41(1)(a), 214, 217 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 18 u 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 383, 384, 385, 386. 387 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 41(1)(a), 214 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kawza titkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi permezz ta’ dawn il-proceduri l-imputat qed jigi addebietat b’diversi reati:

- l-ewwel erbgha imputazzjonijiet huma relatati ma' incident li sehh nhar it-22 ta' Marzu 2102 ghall-habta tas-2.00am fir-residenza ta'l-imputat;
- il-hames, is-sitt u s-sebgha imputazzjoni huma relatati ma' incidenti li sehhew f'data mhux specifikata qabel it-22 ta' Marzu 2012;
- it-tmien imputazzjoni, dik ta' bizgha ta' uzu ta' vjolenza, tirreferi ghall-perjodu ta' qabel it-22 ta' Marzu 2012.

Illi l-imputat, permezz tad-disgha imputazzjoni, qed jigi addebietat ukoll bir-recidiva.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-varji imputazzjonijiet xehdu it-tifel ta' l-imputat, Amadeo Grima; mart Amadeo cioe Helen Grima, u mart l-imputat Anna Grima. Xehedu ukoll l-ufficjal prosekutur u z-zewg ufficjali tal-pulizija li irrispondew ghas-sejha ghall-ghajnuna.

Illi Amadeo Grima jghid li huwa kien qieghed rieqed fis-salott (ghax hu hemm kien jorqghod) meta beda jisma lill-genituri tieghu jiggieldu, mar fil-kamra tas-sodda taghhom u hareg lil ommu, immedjatament hareg l-imputat b'hadida f'idejh pero Amadeo irnexxielu jiehu l-hadida minn id missieru. Kien Amadeo li cempel ghall-assistenza tal-pulizija. Helen Grima taghti bejn wiehed u iehor l-istess verzjoni li ta zewgha (Amadeo). Hi irrakkontat li kienet fis-salott rieqda flimkien ma zewgha meta bdiet tisma lil omm ir-ragel taghha (Anna Grima) tghajjat "hallini ghax qed twegghani". Amadeo mar fil-kamra tas-sodda ta' missieru u ommu u hareg lil ommu; l-imputat hareg warajhom b'hadida f'idejh. Anna Grima harget mill-appartament u l-imputat mar ghal warajha pero Amadeo irnexxielu jiehu l-hadida minn id missieru. Kemm Amadeo kif ukoll Helen Grima qalu li l-glied bejn Athony u Anna Grima kien ilu sejjer snin u li Anthony Grima gieli kien refa' idejh fuq martu Anna.

Illi xehedu ukoll il-pulizija li marru fuq il-post: PS337 Mark Mercieca u PC831 Jonathan Bordieri. Dawn iz-zewg pulizija qalu li meta waslu fuq il-post sabu lil Amadeo Grima jistenna barra; hu talabhom biex ma jghidux li kien hu li cemplilhom. Meta dahlu gewwa f'l-appartament kien hemm l-imputat fis-salott, jidher irrabbjat u mbaghad sabu lil Anna Grima fil-kamra tas-sodda; huma innutaw li kellha xi griehi f'diversi partijiet ta' gisimha, inkluz gidma, pero meta saqsewha x'gara qaltilhom li kienet waqghet. Peress li dehret imbezza l-pulizija arresstaw lill-imputat u haduh l-ghassa u regghu tkellmu ma' Anna Grima. Hija qaltihom li l-griehi li kellha kien ghamilhom zewgha l-imputat, qaltilhom ukoll li l-imputat gera warajha b'kanna tal-hadid u kienu uliedha li zammewh. Hi spjegat lill-pulizija ukoll li meta kienet qed tipprova tahrab minn zewgha waqghet xi erbgha targiet u kien b'hekk li kellha il-griehi f'saqajha. Anna Grima ittiehdet ic-Centru tas-Sahha u hemm giet iccertifikata li kellha daqqa fuq il-haddejn tal-lemin, daqqa fuq in-naha tal-lemin tal-mohh, daqqa fuq in-naha ta' wara tar-ras, gidma fuq id-driegh tax-xellug, grif u daqqiet fuq l-ghonq u daqqiet fuq iz-zewg irkopop.

Illi ta d-depozizzjoni tieghu ukoll l-uffijcal prosekutur. Hu irrakkonta li l-imputat, kif kellu dritt jaghmel, ma qallu xejn dwar l-incident u tista' tghid li ma rrisponda ghall-ebda domanda li sartilu f'l-istqarrija. Da parti taghha Anna Grima qaltlu l-istess affarijiet li kienet qalet lis-surgent Mercieca u ziedet tirrakkonta affarijiet ohra. B'mod partikolari fil-prezenza ta' binha Amadeo irrakkontat kif meta l-istess Amadeo kien ghadu zghir l-imputat kien ghamel ghaliha b'sikkina pero bi zball laqghat lil Amadeo f'saqajh; huma urew lill-ispettur il-marka li kienet halliet din id-daqqa ta' sikkina.

Illi Anna Grima xehdet quddiem il-Qorti. L-ewwel darba li tressqet bhala xhud hija prevalixxiet ruhha mill-fakolta li ma tixhidx stante li l-imputat huwa zewgha u ghaliex skond hi kienu irrizolvew id-differenzi ta' bejnithom u minn dak in-nhar ma nqala' l-ebda incident iehor. L-istess gara it-tieni darba li Anna Grima tressqet bhala xhud. Wara xi zmien regghet tressqet ghat-tielet darba; din id-darba ma kellha l-ebda ezitazzjoni biex tixhed. Hija bdiet biex cahdet dak kull ma qalu l-pulizija kollha koncernati, inkluz l-ispettur Sammut, u anke cahdet li

hi kellha xi griehi u qalet li c-certifikat rilaxxjat mit-tabib kien inveritjier. Kien ovvju li f'dak l-istadju Anna Grima ma kenitx qed tghid il-verita u li din id-darba ghazlet minn jeddha li tixhed biex tghid affarijiet biex tiskolpa lil zewgha. Eventwalment bdiet tikkoopera u ammettiet li kien hemm incident u li zewgha kien ikkawzalha dawk il-griehi dettaljati fic-certifikat mediku. Hija tammetti ukoll li fil-passat kien hemm incident fejn l-imputat ghamel ghaliha b'sikkina u laqghet lil Amadeo.

Illi dwar id-depozizzjoni ta' Anna Grima l-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li Grima ghazlet li tiddeponi mhux biex tghid il-verita imma biex tghid affarijiet li jiskolpaw lil zewgha. Kien biss wara hafna sforzi da parti ta'l-ufficjal prosekutur u tal-Qorti li Grima bdiet tghid il-verita, ghalkemm xorta, fil-fehma tal-Qorti, baqghet ma qalitx il-verita kollha.

Illi minkejja dan, u tenut kont tal-kumpless tal-provi prodotti, partikolarment mid-depozizzjoni ta' Amadeo u Helen Brincat (anke meta komparata ma' dak li qalet Anna Grima lill-pulizija a tempo vergine) u minn dak li setghu jikkonstataw l-ufficjali tal-pulizija involuti f'l-investigazzjoni tal-kaz il-Qorti hija konvinta li nhar it-22 ta' Marzu 2012, fis-2.00am u fil-hin immedjatament ta' qabel inqala argument bejn il-konjugi Anthony u Anna Grima u f'dan l-argument l-imputat agredixxa lil martu fil-kamra tas-sodda u ikkawzalha il-griehi fuq imsemmija; mhux biss imma wara meta kien intervjena binhom Amadeo u hija harget mill-kamra tas-sodda l-imputat prova jhebb ghaliha b' kanna tal-hadid u kienu uliedu li rnexxielhom izommuh. Il-Qorti hija konvinta ukoll li dan l-agir abbussiv ta'l-imputat kien ilu jsehh tul is-snin u li f'wiehed mill-incidenti li kien hemm bejn l-imputat u martu, l-imputat uza sikkina u laqghat lil ibnu Amadeo minflok lil martu Anna.

Ikkunisdrat

Illi permezz ta’ l-ewwel erbgha imputazzjonijiet l-imputat qed jigi addebietat b’attentat ta’ offiza gravi fuq il-persuna ta’ martu Anna Grima, b’offiza hafifa fuq il-persuna ta’ martu, li hedded b’affarijiet iebsin lil martu, u li hedded lil martu bil-mewt. Dawn l-erbgha imputazzjonijiet jirreferu ghall-incident li sehh fit-22 ta’ Marzu 2012.

Illi dwar it-tentattiv ta’ offiza ta’ natura gravi jew gravissima kien hemm zmien meta kien hemm opinjonijiet kunfliggenti dwar jekk jistax jissusti dan ir-reat, tant l-Professur Mamo ghid li:

> *the principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible.*

Illi pero hu jirrizolvi din il-kwistjoni tant li jkompli jghid li:

> *Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply in dubbio pro reo.*

Illi dan l-istess principju gie riaffermat fil-Qrati taghna tant li l-Qorti ta’l-Appell Kriminali wara li tikwota awturi Taljani tghallem li

> *… jista' ikollok tentattiv ta' offiza gravi jew tentattiv ta' offiza gravissima, purche' jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda min dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz.*[1]

Illi fil-kaz in ezami jirrizulta li waqt l-argument li kien hemm fil-kamra tas-sodda l-griehi sofferiti minn Anna Grima kienu kollha ta' natura hafifa. Meta mbaghad intervjena Amadeo, u Anna Grima harget mill-kamra tas-sodda, l-imputat gera warajha u prova jaggrediha b'kanna tal-hadid. Huwa car li l-konsegwenza prevedibbli ta' daqqa ta' kanna tal-hadid hija offiza gravi jew addirittura gravissima ai termini ta'l-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Tenut kont ta' dan u tal-principji fuq esposti l-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel imputazzjoni giet sodisfacjentement pruvata. La darba l-kanna tal-hadid tikkwalifika bhala oggett iebes anke it-tielet imputazzjoni hija pruvata.

Illi kif diga inqtal il-Qorti hija konvinta li fil-lejl in ezami l-imputat agredixxa lill-martu meta kienu fil-kamra tas-sodda u ghamlilha diversi griehi; dawn kollha, anke kif konfermat mit-tabib li nvistaha, huma ta' natura hafifa. It-tieni imputazzjoni ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata ukoll.

Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax li f'dan l-incident l-imputat qatt qal kliem lil martu lil jista' jiftiehem bhala theddied bil-mewt ghalhekk ir-raba imputazzjoni ma tistax tirrizulta.

Ikkunsidrat

Illi jidher li permezz tal-hames, is-sitt u s-sebgha imputazzjonijiet l-imputat qed jigi addebitat b'reati li sehhew meta l-imputat kien agredixxa lil martu b'sikkina u minflok laqghat lil ibnu Amadeo.

[1] Ref Repubblika vs Domenic Briffa deciza 16/10/2003.

Illi f'dan ir-rigward l-Qorti hija tal-fehma li ghandha f'l-ewwel lok taghmel referenza ghall-mod kif inhuma impostati dawn l-imputazzjonijiet, b'mod partikolari ghal dak li jirrigwarda iz-zmien. Ic-citazzjoni fil-fatt tirreferi ghal fatti li sehhew *f'xi jiem matul il-perjodu ta' bejn it-22 ta' Marzu 2012 u s-snin ta' qabel*.

Illi bla dubbju dan huwa mod generiku wisq biex wiehed jindika iz-zmien ta' meta sehh ir-reat. Pero fil-verita ma jidhirx li l-ufficjal prosekutur kellu bizzejjed informazzjoni biex ikun jista' jimposta b'mod ahjar l-imputazzjonijiet issa in ezami. Anke mill-provi prodotti kull ma jirrizulta hu li dan l-incident sehh meta Amadeo kien ghadu zghir; skond ma qalet Anna Grima lill-ispettur kienet qed izomm lit-tifel, kien ghadu zghir, l-imputat prova jaghtiha daqqa b'sikkina u minflok laqghat lilha laqghat lit-tifel f' saqajh.

Illi ghalhekk l-unika indikazzjoni ta' meta sehh l-incident hija li dan sehh f'xi zmien meta Amadeo kien jista' jigi deskritt bhala "zghir". Mid-depozizzjoni tieghu mghotija fit-8 ta' Ottubru 2012 jirrizulta li dak in-nhar (li ta d-depozizzjoni) Amadeo Grima kellu tnejn u tlettin (32) sena allura wiehed jista' jipprezumi li l-incident issa in ezami kien ilu li sehh mhux hazin.

Illi mill-imputazzjonijiet issa in ezami dik li tikkomporta l-ghola piena hija l-hames wahda cioe dik ta' offiza gravissima; il-piena prevista hija dik ta' prigunerija ghal perjodu massimu ta' disgha snin.

Illi ai termini ta'l-artikolu 688(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni *b'l-egħluq ta' ħmistax-il sena għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn għoxrin sena u mhux anqas minn disa' snin*. Ghalhekk l-azzjoni kriminali fir-rigward ta'l-

imputazzjonijiet issa in ezami taqa bi preskrizzjoni b'l-eghluq ta' hmistax il-sena[2].

Illi dan ifisser li l-incident (jew incidenti) li fuqu huma bazati l-imputazzjonijiet issa in ezami jrid ikun sehh wara wara li Amadeo Grima kien ghalaq sbatax il-sena. Pero mid-deskrizzjoni li Anna Grima tat lill-ufficjal prosekutur jidher li l-incident sehh meta Amadeo kien ghadu tifel zghir allura qabel ma ghalaq sbatax il-sena; wiehed jipprezumi li guvni ta' sbatax il-sena ma jigiex deskritt bhala tifel zghir. Konsegwentement, u f'nuqqas da parti tal-prosekuzzjoni ta' xi indikazzjoni preciza ta' meta sehh l-incident ser ikollha tipprezumi li sehh qabel ma' Amadeo ghalaq sbatax il-sena u ghalhekk aktar minn hmistax il-sena qabel ma giet prezentata ic-citazzjoni.

Illi dan ifisser li l-imputazzjonijiet issa in ezami huma preskritti.

Ikkunisdrat

Illi permezz tat-tmien imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bir-reat kontemplat f'l-artikolu 251B tal-Kpaitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, cioe li l-imputat ikkawza lill martu biza' li ser tintuza vjolenza kontra taghha.

Illi mill-provi prodotti l-Qorti hija sodisfatta li permezz ta'l-agir abbuziv tieghu tul is-snin l-imputat ikkawza din il-biza f'martu . Ghalhekk din l-imputazzjoni hija sodisfacjentement pruvata.

Ikkunisdrat

[2]Il-perjodu huwa iqsar ghas-sitt u ghas-sebgha imputazzjoni stante li l-piena prevista ghal dawk ir-reati hija anqas gravi.

Illi permezz ta' l-ahhar imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bir-recidiva. Pero ma ngiebet l-ebda prova in sostenn ta' din l-imputazzjoni li minnha l-Qorti m'ghandha l-ebda ghazla hlif li tilliberah.

Ikkunisdrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi. Bla dubbju l-ewwel fattur li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni huwa n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat; bla dubbju huma reati serji u ta' certu gravita; din il-gravita ghandha tigi riflessa fil-piena erogata. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fedina penali ta' l-imputat. Min-naha l-ohra l-Qorti ma tistax ma tqies il-fatt li jidher li l-konjugi Grima irrikonciljaw u li mill-incident in ezami ma regghux sehhew incidenti ohra. Kien dan il-fattur li wassal lill-ufficjal prosekutur biex jindika li hu mhux qed jinsisti fuq piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara, fil-waqt li tiddikjara il-hames, is-sitt u s-sebgha imputazzjonijiet preskritti, u fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tar-raba u tad-disgha imputazzjoni u tilliberah minnhom, wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 214, 216, 218, 221, 222(1)(a) u 339(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta'l-ewwel, it-tieni, it-tielet u t-tmien imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u taghhom tikkundannah sena (1) prigunerija liema terminu b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigi sopsiez ghal perjodu ta' tlett (3) snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigir jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------